dejn doganali huma stabbiliti fir-regolamenti tal-Komunitajiet Ewropej — f'dan il-każ, l-Artikolu 3 tal-Liġi Ġenerali dwar id-dazji u s-sisa, ikkoordinata mid-Digriet Rjali tat-18 ta' Lulju 1977, p. 11425), ikkonfermata mil-Liġi tas-6 ta' Lulju 1978 dwar id- dazji u s-sisa (*Belgisch Staatsblad* tat-12 ta' Awwissu 1978, p. 9013), kif issostitwit, mill-1 ta' Jannar 1990, mill-Artikolu 72 tal-Liġi tat-22 ta' Diċembru 1989 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet fiskali (Wet houdende fiscale bepalingen) (*Belgisch Staatsblad* tad-29 ta' Diċembru 1989, p. 21141),

jew fis-sens li l-Istati Membri għandhom, fl-eżekuzzjoni tal-Artikolu 217(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, jiddefinixxu fil-liġi nazzjonali tagħhom il-modalitajiet prattiċi tal-implementazzjoni tad-dħul fil-kontijiet previst fl-Artikolu 217(1) tal-istess kodiċi, bil-għan li d-debitur jkun jista' jivverifika jekk l-awtoritajiet doganali jkunux effettivament wettqu l-imsemmi dħul fil-kontijiet?

(2) L-Artikolu 217(2) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità għandu jiġi interpretat fis-sens li jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi biss:

— li, għall-finijet tal-applikazzjoni ta' dik il-liġi nazzjonali, 'dħul fil-kontijiet' għandha tfisser 'id-dħul, fil-kotba tal-kontijiet jew fi kwalunkwe mezz ieħor ta' reġistrazzjoni, tal-ammont tad-dazji li jikkostitwixxu dejn doganali' — f'dan il-każ, l-Artikolu 1(6) tal-Liġi Ġenerali dwar id-dazji u s-sisa, ikkoordinata mid-Digriet Rjali tat-18 ta' Lulju 1977 (*Belgisch Staatsblad* tal-21 ta' Settembru 1977, p. 11425), ikkonfermata mil-Liġi tas-6 ta' Lulju 1978 dwar id-dazji u s-sisa (*Belgisch Staatsblad* tat-12 ta' Awwissu 1978, p. 9013), kif issostitwit, mill-1 ta' Jannar 1994, mill-Artikolu 1(4) tal-Liġi li temenda il-Liġi Ġenerali dwar id-dazji u s-sisa (*Belgisch Staatsblad* tat-30 ta' Diċembru 1993, p. 29031);

u

— li r-regoli relatati mad-dħul fil-kontijiet u mal-kundizzjonijiet tal-ħlas tal-ammonti tad-dazji li jirriżultaw minn dejn doganali huma stabbiliti fir-regolamenti tal-Komunitajiet Ewropej — f'dan il-każ, l-Artikolu 3 tal-Liġi Ġenerali dwar id-dazji u s-sisa, ikkoordinata mid-Digriet Rjali tat-18 ta' Lulju 1977, p. 11425), ikkonfermata mil-Liġi tas-6 ta' Lulju 1978 dwar id-dwana u d-dazji (*Belgisch Staatsblad* tat-12 ta' Awwissu 1978, p. 9013), kif issostitwit, mill-1 ta' Jannar 1990, mill-Artikolu 72 tal-Liġi tat-22 ta' Diċembru 1989 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet fiskali (*Belgisch Staatsblad* tad-29 ta' Diċembru 1989, p. 21141),

l-awtoritajiet doganali jistgħu jsostnu li d-dħul minnhom tal-ammont tad-dazji f''Fiche 1552 B' jew f'database ta' djun "PLDA" (Paperless Douane en Accijnzen), jew kull reġistrazzjoni jew dħul ieħor, minn dawn l-awtoritajiet, tal-ammont tad-dazju fi kwalunkwe mezz ieħor ta' reġistrazzjoni jikkostitwixxi dħul fil-kontijiet fis-sens tal-Artikolu 217(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità?

(3) F'każ li r-reġistrazzjoni tal-ammont tad-dazji f'Fiche 1552 B mill-awtoritajiet doganali tkun tikkostitwixxi dħul fil-kontijiet fis-sens tal-Artikolu 217(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, l-Artikolu 217 tal-istess kodiċi għandu jiġi interpretat fis-sens li hija biss ir-reġistrazzjoni, fil-Fiche 1552 B, tal-ammont eżatt tad-dazji li jirriżultaw minn dejn doganali li tista' tikkostitwixxi dħul fil-kontijiet fis-sens tal-Artikolu 217(1) ta' dak il-kodiċi?

---

## Appell ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2011 minn Maurice Emram kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tal-10 ta' Mejju 2011 fil-Kawża T-187/10 — Emram vs UASI

**(Kawża C-354/11)**

(2011/C 282/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Appellant:* Maurice Emram (rappreżentant: M. Benavï, avukat)

*Partijiet oħra fil-kawża:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), Guccio Gucci Spa

### Talbiet tal-appellant

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kollha tagħha peress li ċaħdet ir-rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-11 ta' Frar 2010 tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI,

— tannulla d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, skont l-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja,

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż sostnuti quddiem il-Qorti Ġenerali u l-Qorti tal-Ġustizzja, u lill-kumpannija Gucci, għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem l-UASI u l-Qorti Ġenerali.

### Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellant jinvoka ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja ([1]), kif ukoll ksur tal-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja ([2]).

F'dan ir-rigward l-appellant isostni, l-ewwel nett, li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet li kien hemm l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni mingħajr ma kkunsidrat l-elementi rilevanti kollha tal-każ, b'mod partikolari n-nuqqas ta' użu tat-trade marks preċedenti fis-suq, it-teħid inkunsiderazzjoni tal-karattru distintiv tat-trade marks preċedenti, il-preżenza effettiva fis-suq ta' prodotti oħra tal-istess tip li għandhom sinjali differenti "G" u l-livell ta' importanza mogħti għal dan it-tip ta' sinjali sabiex tiġi identifikata trade mark kummerċjali, mill-pubbliku kkonċernat. Minbarra dan, l-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali waslet għal evalwazzjoni żbaljata tax-xebh bejn it-trade marks inkwistjoni li tirriżulta b'mod partikolari minn żnaturament tal-fatti, minn evalwazzjoni żbaljata tal-karattru distintiv u dominanti tat-trade marks preċedenti kif ukoll minn evalwazzjoni żbaljata tan-natura tal-prodotti inkwistjoni.

L-appellant jinvoka, it-tieni nett, applikazzjoni żbaljata tal-ġurisprudenza mill-Qorti Ġenerali sa fejn ma ħaditx inkunsiderazzjoni d-deċiżjonijiet nazzjonali preċedenti, bi ksur tal-Artikolu 17 tar-Regolament 207/2009, iċċitat iktar 'il fuq.

Fl-aħħar nett, huwa jagħmel riferiment għal ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali mill-Qorti Ġenerali sa fejn għamlet evalwzzjoni parzjali ta-xebh bejn is-sinjali billi injorat il-kontenut verbali tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u billi pparagunat is-sinjali fuq il-bażi ta' kriterji eċċessivament wiesgħa.

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146.
[2] ĠU L 78, p. 1.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-College van Beroep voor het bedrijfsleven (il-Pajjiżi l-Baxxi) fis-6 ta' Lulju 2011 — G. Brouwer vs Staatssecretaris van Economische Zaken, Landbouw en Innovatie

**(Kawża C-355/11)**

(2011/C 282/14)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

College van Beroep voor het bedrijfsleven

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* G. Brouwer

*Konvenut:* Staatssecretaris van Economische Zaken, Landbouw en Innovatie

### Domandi preliminari

(1) Id-Direttiva 91/629/KEE [1] għandha tiġi interpretata fis-sens li l-kundizzjonijiet amministrattivi statutorji, fis-sens tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 [2], li jirriżultaw minnha japplikaw ukoll għal għoġġiela li bidwi jżomm fil-kuntest tal-produzzjoni tal-ħalib?

(2) Fil-każ li r-risposta għall-ewwel domanda tkun fin-negattiv, il-fatt li, fi Stat Membru, din id-direttiva hija implementata permezz ta' leġiżlazzjoni li, madankollu, testendi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet għal tali għoġġiela jikkostitwixxi raġuni sabiex jiġi kkunsidrat, f'dan l-Istat Membru, li fil-każ ta' ksur ta' dawn il-kundizzjonijiet għandhom jitnaqqsu jew jiġu esklużi [il-pagamenti diretti] abbażi tal-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003?

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/629/KEE, tad-19 ta' Novembru 1991, li tipprovdi l-livelli minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 12, p. 144),
[2] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KE[E]) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269).

## Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja

**(Kawża C-360/11)**

(2011/C 282/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: L. Lozano Palacios, aġent)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja

### Talbiet

— tiddikjara li, billi applika rata ta' VAT imnaqqsa

— għas-sustanzi mediċinali li jistgħu jintużaw abitwalment u xieraq sabiex jinkisbu mediċinali, skont il-punt 1(5) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 91 u skont il-punt 1(3) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 91 tal-liġi tal-VAT Spanjola,

— għall-prodotti għall-ħarsien tas-saħħa, materjal, apparat u strumenti li, ikkunsidrati oġġettivament, jistgħu jintużaw biss sabiex jiġu pprevenuti, djanjostikati, trattati, allevjati jew imfejqa mardiet jew kundizzjonijiet mediċi relatati mal-bniedem jew mal-annimali, iżda li ma humiex "normalment intiżi sabiex jallevjew jew jitrattaw diżabbiltajiet, għall-użu personali u esklużiv tal-persuni b'diżabbiltà", skont it-tieni subparagrafu tal-punt 1(6) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 91 tal-liġi tal-VAT Spanjola,

— għall-apparat u l-aċċessorji li jistgħu essenzjalment jew prinċipalment jintużaw bħala sostenn għal diżabbiltajiet fiżiċi tal-annimali, skont l-ewwel subparagrafu tal-punt 1(6) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 91 tal-liġi tal-VAT Spanjola,